# Ċirkulari lill-Azzjonisti

## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAS-6 TA' MEJJU 2026

**DIN IĊ-ĊIRKULARI HIJA IMPORTANTI U TEĦTIEĠ L-ATTENZJONI IMMEDJATA TIEGĦEK. JEKK JOGĦĠBOK AQRA SEW L-'AVVIŻ TA' LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI' U DIN IĊ-ĊIRKULARI FID-DAWL TAL-VOTAZZJONI LI INTI MEĦTIEĠ TIEĦU FIL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI LI JMISS TAL-APS BANK PLC.**

**JEKK TIBQA' FID-DUBJU DWAR X'VOTAZZJONI U/JEW AZZJONI GĦANDEK TIEĦU, INTI GĦANDEK TIEĦU PARIR MINN KONSULENT INDIPENDENTI XIERAQ.**

### 1. PREAMBOLU

L-għan ta' din iċ-ċirkulari (iċ-"**Ċirkulari**") huwa li jinforma lill-azzjonisti ta' APS Bank plc (il-"**Kumpanija**") dwar ir-riżoluzzjonijiet li ser jiġu ppreżentati fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li ser issir fis-6 ta' Mejju 2026 (il-"**Laqgħa**"):

*Xogħol ordinarju – riżoluzzjonijiet ordinarji*

(a) Punt 4 tal-Aġenda: Dikjarazzjoni ta' dividend;

(b) Punt 5 tal-Aġenda: Ħatra u ħlas tal-awdituri;

*Xogħol speċjali – riżoluzzjoni ordinarja*

(c) Punt 8 tal-Aġenda: *Remuneration report;*

*Xogħol speċjali – riżoluzzjonijiet straordinarji*

(d) Punt 9 tal-Aġenda: Awtorità lid-diretturi sabiex joħorġu ishma u titoli tal-ekwita' u jikkapitalizzaw il-profitt;

(e) Punt 10 tal-Aġenda: Approvazzjoni tal-*Employee Share Incentive Plan* 2027-2031;

(f) Punt 11 tal-Aġenda: Emenda għall-*Employee Share Incentive Plan* 2022-2026;

(g) Punt 12 tal-Aġenda: Reakkwist tal-ishma;

(h) Punt 13 tal-Aġenda: Awtorità tad-diretturi sabiex joħorġu titoli ta' dejn.

### 2. INFORMAZZJONI IMPORTANTI

Din iċ-Ċirkulari, li fiha informazzjoni dwar ċerti riżoluzzjonijiet li ser jiġu mressqa għall-approvazzjoni fil-Laqgħa li jmiss, qed tintbagħat lill-Azzjonisti kollha, jiġifieri lill-azzjonisti li jidhru fir-reġistru tal-Azzjonisti tal-Kumpanija miżmum mas-*Central Securities Depository* tal-Borża ta' Malta ("**Reġistru tal-Azzjonisti**") ta' nhar is-6 ta' April 2026 (sezzjoni ta' negozju tat-30 ta' Marzu 2026) ("***Record Date***").

Id-diretturi kollha tal-Kumpanija sad-data ta' din iċ-Ċirkulari (kollettivament imsejħa bħala l-"**Bord**"), jiġifieri Martin Scicluna, Joseph C. Attard, Juanito Camilleri, Laragh Cassar, Marcel Cassar, Martin Czurda, Noel Mizzi, Michael Pace Ross, Leslie Stephenson u Marisa Xuereb, jaċċettaw ir-responsabbiltà għall-informazzjoni li fiha din iċ-Ċirkulari u fl-aħjar għarfien u twemmin tagħhom, ħadu l-prekawzjonijiet kollha raġjonevoli biex jaċċertaw li dan ikun fil-fatt il-każ, u li l-informazzjoni li fiha din iċ-Ċirkulari hija konformi mal-fatti u ma tħalli barra xejn li jista' jaffettwa s-sinifikat ta' din l-informazzjoni.

Int ġentilment mitlub tiżgura li jekk tbigħ jew tittrasferixxi l-ishma kollha li għandek fil-Kumpanija, jew parti minnhom, din iċ-Ċirkulari tingħata lill-persuna li permezz tagħha sar il-bejgħ jew it-trasferiment sabiex din iċ-Ċirkulari tiġi trażmessa lix-xerrej jew lil min akkwista l-ishma.

Kwalunkwe termini kapitalizzati użati f'din iċ-Ċirkulari jew fl-'Avviż tal-Laqgħa Ġenerali Annwali' iżda mhux spjegati mod ieħor f'dan il-kuntest, għandhom ikollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Istatut tal-Kumpanija (l-"**Istatut**").

### 3. RIŻOLUZZJONIJIET PROPOSTI

**A. Punt 4 tal-Aġenda: Dikjarazzjoni ta' dividend (xogħol ordinarju – riżoluzzjoni ordinarja)**

*Proposta: Il-Bord jipproponi li l-Laqgħa tiddikjara dividend finali gross ta' €0.023 għal kull sehem ordinarju, li jammonta għal €11,400,000 (li jammonta għal dividend finali nett ta' €0.015 għal kull sehem ordinarju, jew €7,400,000, għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025, liema dividend għandu jitħallas fil-forma ta' scrip jew (i) bi ħlas tas-somma dovuta fi flus, jew (ii) permezz ta' ħruġ ta' ishma ġodda, skont kif jagħżel kull Azzjonist individwali.*

*Il-Bord huwa tal-fehma li din ir-riżoluzzjoni tipprovdi lill-Azzjonisti b'għażla ġusta filwaqt li, fl-istess ħin, tippermetti lill-Kumpanija tippreserva l-ekwità għat-tkabbir futur tagħha.*

Skont il-*Capital Markets Rules* ("**CMR**") ippubblikata mill-Awtorità għas-Servizzi Finazjarji ta' Malta ("**MFSA**"), l-Azzjonisti huma infurmati kif ġej:

i. Kwalunkwe dividend imħallas skont il-Punt 4 tal-Aġenda (kemm jekk fi flus jew permezz ta' allokazzjoni ta' ishma ġodda) ser jitħallas lill-Azzjonisti elenkati fir-Reġistru tal-Azzjonisti fir-*Record Date*;

ii. L-*attribution price* tal-ishma l-ġodda li jinħarġu lill-Azzjonisti li jagħżlu li jirċievu ishma minflok ħlas fi flus ġie ddeterminat bil-prezz ta' €0.50 għal kull sehem ordinarju ġdid, ikkalkulat permezz tat-*trailing traded weighted average price* (TWAP) għat-30 jum ta' negozjar li ntemmu f'din id-data: 01 April 2026 (l-"***Attribution Price***").

iii. Jekk l-Azzjonisti kollha jagħżlu li jirċievu ishma minflok ħlas tas-somma dovuta fi flus, ikun jeħtieġ li jinħarġu sa 14,800,000 sehem ordinarju ġdid lill-Azzjonisti, li b'hekk iżid l-ishma maħruġa attwali tal-Kumpanija bi 3.1%. Għall-kuntrarju, jekk l-Azzjonisti kollha jagħżlu li jirċievu ħlas fi flus, il-Kumpanija tħallas dividend totali nett fi flus sa €7,400,000, li jirrappreżenta dividend nett ta' €0.015 għal kull sehem ordinarju, kif iddikjarat fil-Proposta t'hawn fuq;

iv. Id-dritt ta' Azzjonist għal ishma ġodda li għandhom jiġu offruti minflok flus jiġi ddeterminat billi d-dividend nett totali ta' kull Azzjonist (jiġifieri n-numru ta' ishma miżmuma fir-*Record Date* immultiplikat bid-dividend nett ta' €0.015 kull sehem) jiġi diviż bl-*attribution price*. L-ishma frazzjonali għandhom jitqarrbu għall-eqreb sehem sħiħ.

v. Mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari, hemm Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend speċifika għal kull Azzjonist individwali li tinkludi d-dettalji dwar id-dividend relattiv tiegħu. L-Azzjonisti li jixtiequ jirċievu ishma ordinarji minflok dividend bi ħlas fi flus għandhom jimlew il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend u jibagħtuha kompluta u ffirmata lis-Segretarjat tal-Kumpanija, APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, Malta, sal-5 ta' Mejju 2026 billi jużaw l-envelop mehmuż. Alternattivament, l-Azzjonisti jistgħu jagħżlu li jiskennjaw il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend bil-Malti jew bl-Ingliż, ilestuha u jibagħtuha elettronikament lil apsdividend@apsbank.com.mt, u fis- 'Suġġett' tal-email jikkwotaw l-**Isem**, il-**Kunjom** u n-**Numru tar-Reġistru tal- MSE** rispettiv kif stampat fuq il-Formola. **Huwa importanti li il-Formola tintbagħat bil-*barcode* ċar u li jinqara.** Tintbagħat konferma elettronika għal kull Formola tal- Għażla tal-i*Scrip* Dividend riċevuta b'mod elettroniku. Emails riċevuti mingħajr il- Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend mehmuża ma jiġux aċċettati. Formoli tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend li ma jaslux sad-data stipulata, jitqiesu li l-Azzjonist għażel li jirċievi d-dividend fi flus;

vi. Il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend ser tiġi aċċettata biss fir-rigward tal-ishma kollha għal kull kont tal-MSE li wieħed ikollu. L-għażla sabiex jinqasam id-dividend hija permessa biss għall-Intermedjarji Finanzjarji, u għall-azzjonisti diretti li għandhom 250,000 ishma jew aktar. Tali azzjonisti huma mitluba jimlew il-Formola Supplementari tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend li ser tintbagħat separatament b'email lill-Azzjonisti applikabbli mis- Segretarjat tal-Kumpanija;

vii. Dan id-dividend finali, ġie approvat mill-MFSA (*Banking Supervision Unit*). Ser issir applikazzjoni lill-MFSA u lill-Borża ta' Malta sabiex l-ishma ordinarji l-ġodda maħruġa skont dan l-i*scrip* dividend jiġu ammessi għall-kummerċ u elenkati fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta. Dawn l-ishma ordinarji ġodda ser ikunu rreġistrati f'forma mhux iċċertifikata, ser jiffurmaw parti mill-klassi eżistenti ta' ishma ordinarji tal-Kumpanija, u għalhekk ser jimxu *pari passu* fl-aspetti kollha mal-ishma ordinarji eżistenti tal- Kumpanija li nħarġu. L-ishma ordinarji l-ġodda huma mistennija li jinħarġu u jiġu elenkati sat-22 ta' Mejju 2026, bin-negozjar mistenni jibda fil-ġurnata tan-negozju li jmiss.

Irreferi wkoll għat-Taqsima D hawn taħt għal aktar informazzjoni dwar ir-riżoluzzjonijiet meħtieġa biex jinħarġu ishma ġodda lill-Azzjonisti li jagħżlu li jirċievu l-intitolament għad-dividend tagħhom f'ishma minflok fi flus.

**B. Punt 5 tal-Aġenda: Ħatra u ħlas tal-awdituri (xogħol ordinarju, riżoluzzjoni ordinarja)**

*Proposta: Il-Bord qed jipproponi li l-Azzjonisti jaħtru mill-ġdid lil Deloitte Audit Limited ("**Deloitte**") bħala l-awdituri tal-Kumpanija sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali li ser ssir fl-2027. Il-Bord jipproponi wkoll li jkun awtorizzat li jiffissa il-ħlas tal-awdituri tal-Kumpanija.*

Skont l-Artikolu 151A tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att dwar il-Kumpaniji**"), ditta tal-awditjar ma tistax isservi bħala awditur ta' entità ta' interess pubbliku, bħal ma hi l-Kumpanija, għal aktar minn għaxar (10) snin konsekuttivi sakemm, mal-iskadenza tal-perjodu inizjali ta' għaxar snin, l-entità twettaq proċess ta' offerti pubbliċi li jistieden ditti oħra tal-awditjar eliġibbli biex jissottomettu offerti għall-provvista ta' servizzi tal-awditjar. Ladarba Deloitte aġixxiet bħala l-awditur tal-Kumpanija mill-2017, il-Kumpanija kienet meħtieġa twettaq proċess ta' offerta pubblika bħal dan matul l-2025.

Dan il-proċess ta' offerta pubblika twettaq u ġie ġestit mill-*Audit Committee* tal-Kumpanija (i-"***Audit Committee***") skont l-Att dwar il-Kumpaniji u r-Regolament tal-Awditjar tal-UE (UE) Nru 537/2014 (ir-"**Regolament tal-Awditjar**").

Bħala parti mill-proċess ta' offerta pubblika, 5 ditti tal-awditjar eliġibbli ssottomettew l-offerti tagħhom. L-*Audit Committee* ivvalutat u kklassifikat d-ditti offruti abbażi ta' diversi kriterji ta' għażla definiti minn qabel. Abbażi ta' tali evalwazzjoni, l-*Audit Committee* ddeċidiet li tirrakkomanda lil Bord sabiex Deloitte tinżamm bħala awditur u għalhekk r-rakkomandazzjoni tal-Bord li terġa'tinħatar Deloitte hija bbażata fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*Audit Committee*.

L-*Audit Committee* tafferma li r-rakkomandazzjoni tagħha ma ġietx influwenzata minn ebda parti terza u li ma kienx meħtieġ li tikkonforma mal-klawżola kuntrattwali msemmija fl-artikolu 16(6) tar-Regolament tal-Awditjar, li tirrestrinġi l-ħatra ta' Deloitte mil-Laqgħa.

**Ċ. Punt 8 tal-Aġenda: *Remuneration report* (xogħol speċjali – riżoluzzjoni ordinarja)**

*Proposta:. Li r-Remuneration Report, skont il-Kapitolu 12 tal-Capital Markets Rules maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, kif stipulat fir-rapport annwali tal-Kumpanija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025 jiġi rċevut u approvat.*

Ir-*Remuneration Report*, li kopja tiegħu jinstab fir-rapport annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2025 tal-Kumpanija, qiegħed jitpoġġa fil-Laqgħa għal vot konsultattiv kif meħtieġ skont ir-Regola 12.26K tas-CMR. Vot konsultattiv mhuwiex vinkolanti u jippermetti lill-Azzjonisti jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar is-suġġett inkwistjoni.

**D. Punt 9 tal-Aġenda: Awtorità lid-diretturi sabiex joħorġu ishma u titoli tal-ekwità u jikkapitalizzaw il-profit (xogħol speċjali, riżoluzzjoni straordinarja)**

*Proposta: (1) Li, skont l-artikolu 85 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386, tal-Liġijiet ta' Malta), u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill- Kumpanija permezz tal-artikolu 4(a) ta' l-Istatut tal-Kumpanija (l-"**Istatut**"), il-Bord tad-Diretturi (il-"**Bord**") (b'poteri sħaħ ta' delega) ikun hekk awtorizzat li joħroġ u jalloka tali numru ta' Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità oħra (kif definiti fl-Artikoli), b'dak il-prezz u b'dawk it-termini, kif jista' jiġi determinat mill-Bord fid-diskrezzjoni unika tiegħu, sa n-numru awtorizzat ta' ishma stabbilit fil-klawżola 7(a) tal-Istatut tal-Kumpanija, liema awtorizzazzjoni għandha tingħata b'mod limitat għall-finijiet li ġejjin: (i) biex tiġi implimentata deċiżjoni li jitħallas scrip dividend fejn Azzjonist jista' jagħżel li jirċievi ishma minflok dividend fi flus kollu jew parti minnu, (ii) biex jinħarġu titoli konvertibbli bil-għan li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali ta' kapital ta' grad 1 tal-Kumpanija skont ir-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, u/jew (iii) fil-każ ta' tranżazzjoni kummerċjali fejn l-Ishma fil-Kumpanija jinħarġu bħala forma ta' konsiderazzjoni;*

*(2) Li, skont l-artikolu 5 tal-Artikoli, il-Bord huwa u huwa b'dan awtorizzat, fid-diskrezzjoni unika tiegħu, li japplika għal kwalunkwe Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità oħra (kif definiti fl-Artikoli) maħruġa skont it-termini tal-awtorizzazzjoni msemmija f'(1) hawn fuq biex jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew fi kwalunkwe Suq Regolat ieħor (kif definit fl-Artikoli);*

*(3) Illi, b'mod limitat għall-għan li tiġi implimentata deċiżjoni biex jitħallas scrip dividend u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att Bankarju (Kap. 371, tal-Liġijiet ta' Malta), il-Bord tad-Diretturi (bil-poteri kollha ta' delega) jkun awtorizzat u mogħti s-setgħa għall-fini tal-artikolu 155 tal-Istatut, li jikkapitalizza ammont li jinsab fil-kreditu tal-kontijiet ta' riżerva jew fil-kreditu tal-profitt u kont tat-telf tal-Kumpanija u li għalhekk dik is-somma tigi allokata, imqassma u kkreditata bhala kollha mħallsa lil dawk it-tali Azzjonisti li l-Bord jidhirlu xieraq;*

*(4) Li l-awtorizzazzjonijiet imsemmija f'paragrafi (1), (2) u (3) hawn fuq, ikunu validi mid-data tal-adozzjoni ta' din ir- riżoluzzjoni sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li ser issir fl-2027, sakemm dan il-perjodu ta' validità ma jaffettwax (i) l-awtorità mogħtija lill-Bord biex joħroġ kwalunkwe numru ta' Ishma permessi mir-regoli tal-Kumpanija tal-employee share incentive plan għall-perjodu 2022 – 2026 (kif emendati), u/jew (ii) l-approvazzjoni tal-ħruġ ta' kwalunkwe Ishma kollha li jistgħu jinħarġu taħt il-pjan il-ġdid tal-Kumpanija tal-employee share incentive plan għall-perjodu 2027 – 2031;*

*(5) Li s-segretarja tal-kumpanija tkun awtorizzata li toħroġ silta ċċertifikata tal-minuti miżmuma fil-Laqgħa u li tippreżentah mal-Malta Business Registry kif meħtieġ.*

Il-Bord qed jipproponi li jkun awtorizzat li: (a) joħroġ Ishma u Titoli ta' Ekwità oħra b'mod limitat għall-finijiet ta': (i) implimentazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li jitħallas *scrip* dividend; (ii) ħruġ ta' titoli konvertibbli għall-iskop li jissodisfa kwalunkwe rekwiżit kapitali addizzjonali ta' grad 1 tal-Kumpanija skont ir-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment ("**Rekwiżiti Kapitali AT1**"); u/jew (iii) fil-każ ta' tranżazzjoni kummerċjali fejn l-Ishma fil-Kumpanija jinħarġu bħala forma ta' konsiderazzjoni; u (b) iwettaq kapitalizzazzjoni tal-profitti biex jippermetti l-ħlas tal-i*scrip* dividend imsemmi.

Għal din ir-raġuni, l-Azzjonisti qed jintalbu jawtorizzaw lill-Bord biex joħroġ Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità oħra (kif definiti fl-Artikoli) fiċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq, bi prezz u b'termini li jistgħu jiġu determinati mill-Bord fid-diskrezzjoni unika tiegħu, sa l-għadd awtorizzat tal-ishma stabbilit fil-klawżola 7(a) tal-Istatut tal-Kumpanija. Barra minn hekk, l-Azzjonisti qed jintalbu wkoll jawtorizzaw

lill-Bord, biex jekk jixtieq dan, japplika biex kwalunkwe Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità bħal dawn jiġu ammessi għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta jew kwalunkwe Suq Regolat ieħor (kif definit fl-Artikoli). Dawn l-awtoritajiet qed jintalbu skont l-artikoli 4 u 5 tal-Artikoli u l-artikolu 85 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Huwa propost li din l-awtorità għandha tkun valida sal-konklużjoni tal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027, sakemm dan il-perjodu ta' validità ma jaffettwax (i) l-awtorità mogħtija lill-Bord biex joħroġ Ishma skont ir-regoli tal-*employee share incentive plan* tal-Kumpanija għall-perjodu 2022 – 2026 (kif emendat), u/jew (ii) l-approvazzjoni tal-ħruġ ta' kwalunkwe u l-Ishma kollha li jistgħu jinħarġu skont il-*employee share incentive plan* tal-Kumpanija għall-perjodu 2027 – 2031 skont il-Punt 10 tal-Aġenda.

Din il-proposta qed issir biex tipprovdi lill-Kumpanija bil-flessibbiltà meħtieġa biex toħroġ Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità (kif definit fl-Artikoli) fiċ-ċirkostanzi speċifiċi deskritti hawn fuq. Aktar dettalji dwar l-awtorizzazzjonijiet li qed jintalbu, inklużi l-ammonti massimi li jistgħu jinħarġu għal kull skop u l-intenzjonijiet tal-Bord fir-rigward ta' kull wieħed, huma stipulati hawn taħt.

**(a) Ħruġ ta' ishma biex jitħallas *scrip* dividend u kapitalizzazzjoni tal-profitt**

L-ammont massimu ta' ishma ordinarji ġodda li l-Bord ser jkollu l-awtorità li joħroġ għall-iskop li jiddikjara u jħallas *scrip* dividend ser jkun ta' mhux aktar minn 14,800,000 ishma ordinarji (l-"***iScrip Shares***"). Din l-awtorità ser tkopri l-ammont totali ta' ishma ordinarji ġodda li għandhom jinħarġu jekk l-Azzjonisti kollha jagħżlu li jirċievu ishma minflok flus kontanti skont ir-riżoluzzjoni tad-*scrip* dividend proposta fil-Punt 4 tal-Aġenda flimkien ma' kwalunkwe ishma oħra li jistgħu jeħtieġu li jinħarġu jekk *scrip* dividend jiġi ddikjarat sal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027, eż. fir-rigward ta' *dividend interim*. Dawn l-*iScrip Shares* jirrappreżentaw madwar 3.1% tal-ishma maħruġa tal-Kumpanija fid-data ta' din iċ-Ċirkolari.

L-awtorità msemmija hawn fuq waħedha mhux ser tippermetti lill-Bord jiddikjara u jħallas *scrip* dividend, peress li *scrip* dividend jinvolvi kapitalizzazzjoni tal-profitti li, skont l-artikolu 155 tal-Artikoli, teħtieġ l-approvazzjoni tal-Kumpanija f'laqgħa ġenerali. F'dan il-kuntest, il-Bord qed jipproponi wkoll li għal dan il-għan biss, ikun awtorizzat u mogħti s-setgħa sal-aħħar tal-laqgħa ġenerali annwali tal-2027, biex jikkapitalizza kwalunkwe ammont li jkun kreditu fil-kontijiet ta' riżerva tal-Kumpanija jew kreditu fil-kont tal-profitt u t-telf jew inkella disponibbli għad-distribuzzjoni u joħroġ ishma li għandhom jiġu allokati, distribwiti u kkreditati bħala mħallsa kompletament lill-Azzjonisti tal-Kumpanija. L-Azzjonisti huma infurmati li l-Bord bi ħsiebu juża din l-awtorità għall-ewwel darba sabiex jagħti effett lill-elezzjoni tal-Azzjonisti li jirċievu l-intitolament tagħhom għad-dividend għas-sena finanzjarja 2025 fil-forma ta' ishma ordinarji ġodda minflok fi flus kontanti, kif stipulat fit-Taqsima 3A hawn fuq. F'dan il-każ, il-Bord ser jikkapitalizza sa €7,400,000 mill-profitti tal-Kumpanija bil-għan li joħroġ l-*iScrip Shares* kollha jew parti minnhom lill-Azzjonisti li jagħżlu li jirċievu l-intitolament tagħhom għad-dividend għas-sena finanzjarja 2025 fil-forma ta' ishma ordinarji.

**(b) Ħruġ ta' titoli ta' ekwità biex jintlaħqu r-rekwiżiti kapitali AT1**

Flimkien ma' dan, biex jappoġġja kwalunkwe rekwiżit kapitali, il-Bord qed jipproponi li jkun awtorizzat li joħroġ Titoli ta' Ekwità (kif definiti fl-Artikoli) li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-kwalifika bħala strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 ("**Strumenti AT1**") skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien ("Capital Requirement Regulation" "**CRR**"). Kundizzjoni waħda bħal din hija li t-termini tal-Istrumenti AT1 jeħtieġu li, malli jseħħ avveniment ta' attivazzjoni (kif iddettaljat aktar fis-CRR), l-ammont prinċipali tal-istrumenti jew (a) jitnaqqas fuq bażi permanenti jew temporanja jew (b) jiġi kkonvertit fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 (li, fil-każ tal-Kumpanija, ikunu ishma ordinarji). Fost oħrajn, avveniment ta' attivazzjoni jseħħ meta l-proporzjon tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-Kumpanija jaqa' taħt il-proporzjon perċentwali stabbilit fis-CRR.

Għalhekk, il-proposta hija li l-Bord ikun awtorizzat li joħroġ Strumenti AT1 li jikkonvertu f'ishma ordinarji (l-"**Ishma Ordinarji li jirriżultaw mill-Konverżjoni**") <u>biss</u> malli jseħħ avveniment ta' attivazzjoni kif stabbilit u skont is-CRR. Qed jiġi enfasizzat li l-ishma eżistenti tal-Azzjonisiti fil-Kumpanija ma jiġux affettwati mill-ħruġ ta' Strumenti AT1, iżda biss jekk isseħħ konverżjoni malli jseħħ avveniment ta' attivazzjoni. Fi kwalunkwe każ, skont l-artikolu 85(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji, l-approvazzjoni tal-azzjonisti hija meħtieġa għall-ħruġ ta' kwalunkwe titoli li huma konvertibbli f'ishma (bħall-Istrumenti AT1).

Fil-preżent, il-Bord m'għandu l-ebda intenzjoni li joħroġ xi Strumenti AT1. Madankollu, qed ifittex din l-awtorità, valida sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027, biex iżomm il-flessibbiltà jekk il-Kumpanija jkollha bżonn toħroġ Strumenti AT1 bħal dawn fil-futur. Jekk, <u>*fit-teorija*</u>, tali awtorità kellha tiġi eżerċitata sal-punt sħiħ tagħha, l-Ishma Ordinarji li jirriżultaw mill-Konverżjoni jkunu l-ammont massimu ta' ishma awtorizzati iżda mhux maħruġa fil-Kumpanija, jiġifieri massimu ta' 514,357,914 jew madwar 106% tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-Kumpanija fid-data ta' din iċ-Ċirkulari.

**(c) Ħruġ ta' ishma bħala forma ta' konsiderazzjoni**

Minn żmien għal żmien il-Kumpanija tivvaluta opportunitajiet ta' negozju ġodda u/jew akkwisti. Għalkemm il-forma ta' konsiderazzjoni għal tranżazzjonijiet bħal dawn tista' tvarja, huwa komuni li dan jista' jinkludi kombinazzjonijiet ta' flus kontanti u Ishma. Din il-konsiderazzjoni tgħin biex itaffi l-impatt ta' tranżazzjonijiet bħal dawn fuq il-bażi kapitali u l-*cashflow* tal-Kumpanija. Barra minn hekk, billi toħroġ Ishma bħala parti mill-konsiderazzjoni, il-Kumpanija tiżgura li l-kontropartijiet iżommu interess personali fis-suċċess fit-tul tal-Kumpanija (u fil-Grupp APS).

Kwalunkwe tranżazzjoni bħal din, naturalment, titwettaq f'konformità sħiħa mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-Artikoli applikabbli u, fejn meħtieġ, bl-approvazzjoni tal-Azzjonisti xierqa <u>*qabel*</u> ma jitlesta kwalunkwe akkwist.

Filwaqt li l-Bord bħalissa m'għandu l-ebda proposta ta' negozju f'idejh, qed ifittex din l-awtorità biex iżomm din il-flessibbiltà u, jekk tiġi approvata, din l-awtorità tkun valida sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027. Jekk, <u>*fit-teorija*</u>, tali awtorità kellha tiġi eżerċitata sal-punt sħiħ tagħha, l-Ishma Ordinarji li jirriżultaw mill-opportunitajiet ta' negozju ġodda u/jew akkwisti jkunu l-ammont massimu ta' ishma awtorizzati iżda mhux maħruġa fil-Kumpanija, jiġifieri massimu ta' 514,357,914 jew madwar 106% tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-Kumpanija fid-data ta' din iċ-Ċirkulari.

**E. Punt 10 tal-Aġenda: Approvazzjoni tal-*Employee Share Incentive Plan* 2027-2031 (xogħol speċjali, riżoluzzjoni straordinarja)**

*Proposta: (1) Li (i) l-employee share incentive plan għall-perjodu 2027 – 2031 (l-"**ESIP**") jiġi u huwa b'dan approvat; u (ii) is-sett ta' regoli korrispondenti li jirregolaw l-ESIP jiġi u huwa b'dan approvat (ir-"**Regoli**");*

*(2) Li tawtorizza (i) il-ħruġ u l-allokazzjoni sa 5,000,000 Ishma ġodda mħallsa kompletament lil impjegati eliġibbli taħt l-ESIP; u (ii) l-applikazzjoni biex l-Ishma tal-ESIP jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ*

*fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew fi kwalunkwe Suq Regolat ieħor (kif definit fl-istatut ta' assoċjazzjoni tal-Kumpanija);*

*(3) Li l-Bord huwa u huwa b'dan awtorizzat li jemenda r-Remuneration Policy tal-Kumpanija approvata fil-laqgħa ġenerali annwali li saret fid-9 ta' Mejju 2024, bil-għan li tinkorpora r-referenza għall-ESIP.*

Il-pjan attwali tal-*employee share incentive plan* tal-Kumpanija għall-perjodu 2022 – 2026 li ġie approvat fil-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li saret fit-28 ta' April 2022 ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026. Għaldaqstant, il-Bord qed jipproponi li l-Laqgħa tapprova pjan ġdid ta' inċentiv ta' ishma għall-impjegati għall-perjodu 2027-2031 (l-"**ESIP il-Ġdid**") u r-regoli korrispondenti li jirregolaw dan l-ESIP il-Ġdid (ir-"**Regoli tal-ESIP il-Ġodda**"). Ir-Regoli tal-ESIP il-Ġodda proposti huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kumpanija https://www.apsbank.com.mt/general-meetings/.

L-attenzjoni tal-Membri hija miġbuda għall-fatt li l-Kumpanija tista' tissodisfa l-obbligi tagħha lejn l-impjegati eliġibbli taħt l-ESIP il-Ġdid jew billi tittrasferixxi Ishma (teżor) eżistenti li jistgħu jinxtraw lura mill-Kumpanija skont l-awtorità li qed tintalab taħt il-Punt 12 tal-Aġenda, jew billi toħroġ Ishma ġodda, jew taħlita tat-tnejn. F'dan ir-rigward, sabiex il-Kumpanija tiġi pprovduta bl-akbar grad ta' flessibbiltà meta twettaq l-obbligi tagħha skont l-ESIP il-Ġdid, il-Bord qed jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzaw, f'dan l-istadju, il-ħruġ sa 5,000,000 Ishma ġodda imħallsa kompletament, lil impjegati eliġibbli (inkluż, fost oħrajn, il-Kap Eżekuttiv) f'dawk id-dati u bil-prezz kif previst fir-Regoli tal-ESIP il-Ġdid.

Peress li l-Ishma li ser jinħarġu skont l-ESIP il Ġdid ser jiġu allokati b'mod ieħor milli fi flus, id-drittijiet statutorji ta' prelazzjoni mogħtija lill-Azzjonisti eżistenti taħt l-artikolu 88 tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-artikolu 16 tal-Istatut mhumiex applikabbli.

B'konnessjoni ma' din l-approvazzjoni, u fl-ispirtu li jiġi żgurat li l-Kumpanija tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-ESIP il-Ġdid b'mod f'waqtu u flessibbli, il-Bord qed jipproponi wkoll li l-Azzjonisti japprovaw l-elenku eventwali ta' dawn l-Ishma fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew fuq kwalunkwe Suq Regolat ieħor (kif definit fl-Artikoli).

Din l-awtorizzazzjoni qed tintalab skont l-artikoli 5, 16, 18, u 99(f) tal-Artikoli u l-artikolu 85(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji.

**F. Punt 11 tal-Aġenda: Emenda għall-*Employee Share Incentive Plan* 2022-2026 (xogħol speċjali, riżoluzzjoni straordinarja)**

*Proposta: (1) Li l-emendi kollha proposti li jsiru għar-Regoli Eżistenti tal-ESIP tal-Kumpanija jiġu approvati; u li r-Regoli Eżistenti tal-ESIP jiġu sostitwiti fl-intier tagħhom bir-regoli emendati tal-ESIP fil-forma, jew sostanzjalment fl-istess forma, kif imtella' fuq il-sit web tal-Kumpanija fit-15 ta' April 2026;*

*(2) Li, minbarra l-awtorità tal-Bord li jemenda r-Remuneration Policy tal-Kumpanija approvata fil-laqgħa ġenerali annwali li saret fid-9 ta' Mejju 2024 ("**Remuneration Policy**") sabiex tinkorpora referenza għall-employee share incentive plan għall-perjodu 2027–2031, il-Bord huwa, u huwa b'dan, awtorizzat ukoll li jemenda r-Remuneration Policy bil-għan li jinkorpora l-emenda approvata fir-riżoluzzjoni (1) hawn fuq.*

Minkejja li l-*employee share incentive plan* eżistenti tal-Kumpanija 2022–2026 (l-"ESIP Eżistenti"), approvat fil-laqgħa ġenerali annwali li saret fit-28 ta' April 2022, ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026, l-impjegati eliġibbli jistgħu jkomplu jirċievu Ishma skont ir-regoli tal-ESIP Eżistenti (ir-"**Regoli tal-ESIP Eżistenti**") lil hinn mill-2026.

Skont ir-Regoli tal-ESIP Eżistenti, il-Kumpanija tista' tissodisfa l-obbligi tagħha lejn l-impjegati eliġibbli biss billi toħroġ Ishma ġodda, li jirriżulta fid-dilwizzjoni tal-ishma ta' l-Azzjonisti oħra. Minħabba li l-Bord diġà qed ifittex l-approvazzjoni biex il-Kumpanija takkwista l-Ishma tagħha stess (ara l-Punt 12 tal-Aġenda), il-Bord jikkunsidra li huwa xieraq li jemenda r-Regoli tal-ESIP Eżistenti biex jipprovdi lill-Kumpanija bil-flessibbiltà li tissodisfa għotjiet skont l-ESIP Eżistenti jew billi toħroġ Ishma ġodda jew billi tittrasferixxi Ishma miżmuma fit-teżor lil impjegati eliġibbli (inkluż il-Kap Eżekuttiv). L-ebda emenda oħra għar-Regoli tal-ESIP Eżistenti mhi qed tiġi proposta. Billi tippermetti lill-Kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-ESIP Eżistenti permezz tat-trasferiment ta' Ishma tat-teżor, l-emenda proposta tibbenefika wkoll lill-Azzjonisti eżistenti, peress li l-probabbiltà ta' avvenimenti dilwittivi, bħall-ħruġ ta' Ishma ġodda, hija mnaqqsa.

Verżjoni aġġornata tar-Regoli tal-ESIP Eżistenti, li turi l-emendi proposti hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kumpanija https://www.apsbank.com.mt/general-meetings/.

**G. Punt 12 fuq l-Aġenda: Reakkwist ta' Ishma (xogħol speċjali, riżoluzzjoni straordinarja)**

*Proposta: (1) Li l-Kumpanija tkun u hija b'dan awtorizzata, soġġetta għall-approvazzjoni regolatorja, li terġa' tixtri sa 5,000,000 Ishma, bi prezz ta' mhux inqas minn €0.45 u mhux aktar minn €0.75 għal kull sehem ("**Reakkwist tal-Ishma**").*

*(2) Li l-bord tad-diretturi ("**Bord**") għandu jkun awtorizzat u mogħti s-setgħa li (i) iwettaq Reakkwist tal-Ishma għal dak il-għan u b'dawk it-termini li l-Bord jista', fid-diskrezzjoni unika tiegħu, jiddetermina, soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet stipulati f'(1) hawn fuq, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106 tal-Att dwar il-Kumpaniji; u (ii) jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' tkun meħtieġa biex dan jingħata effett;*

*(3) Li l-awtorizzazzjonijiet stipulati f'(1) u (2) hawn fuq ikunu validi sal-aktar kmieni mit-tmiem tal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li ser ssir fl-2027 u t-30 ta' Ġunju 2027;*

*(4) Li s-segretarja tal-kumpanija tkun awtorizzata li toħroġ estratt iċċertifikat tal-minuti miżmuma fil-Laqgħa u li tippreżentah lil Malta Business Registry kif meħtieġ.*

Il-Bord jemmen li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn ikun fl-aħjar interess tal-Kumpanija u l-Azzjonisti tagħha li l-Kumpanija jkollha l-abbiltà li takkwista l-ishma tagħha stess, jekk il-kundizzjonijiet tas-suq jew ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tal-kapital tal-Kumpanija jiġġustifikaw tali azzjoni.

Għal din ir-raġuni, il-Bord qed jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzaw lill-Kumpanija tixtri lura sa 5,000,000 sehem ordinarju bi prezz li jvarja minn €0.45 sa €0.75 għal kull sehem minn profitti distribwibbli (ir-"**Reakkwist tal-Ishma**"). Ir-Reakkwist tal-Ishma ser jitwettaq biex jinforza u jtejjeb il-valur tal-azzjonist b'ġestjoni tal-kapital iktar effettiv u effiċjenti, biex jipprovdi lill-Kumpanija bi flessibbiltà biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-ESIP il-Ġdid u/jew l-ESIP Eżistenti, jekk approvati, u għal kwalunkwe skop legali ieħor permess skont l-Att dwar il-Kumpaniji.

Sabiex jiġi implimentat ir-Reakkwist tal-Ishma b'mod effiċjenti u effettiv, il-Bord qed jipproponi wkoll li jkun awtorizzat li jwettaq ir-Reakkwist tal-Ishma għal skopijiet u b'termini li jista' jiddetermina, dejjem soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-riżoluzzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 106 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Dan jista' jinkludi, pereżempju, l-adozzjoni ta' programm ta' reakkwist tal-ishma. Din l-awtorizzazzjoni tagħti wkoll is-setgħa lill-Bord li jieħu kwalunkwe azzjoni li jqis neċessarja jew mixtieqa biex jagħti effett sħiħ lir-Reakkwist tal-Ishma.

Għalkemm il-Kumpanija ma tkunx tista' timplimenta l-Programm ta' Reakkwist ta' Ishma skont ir-Regolament tal-UE dwar l-Abbuż tas-Suq (Regolament (UE) Nru 596/2014) ("**MAR**") u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1052 (ir-"**Regolament ta'** ***Safe*** ***Harbour***"), il-Kumpanija ser tagħmel kull sforz sabiex tikkonforma (sa fejn huwa possibbli fil-prattika) mad-diversi dispożizzjonijiet stabbiliti taħt il-MAR u r-Regolament ta' *Safe Harbour*, fuq bażi ta' *best effort*.

L-awtorizzazzjoni proposta ser tkun valida għal perjodu ta' 15-il xahar, jew sal-konklużjoni tal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027, skont liema sseħħ l-ewwel, soġġett li l-Kumpanija tikseb l-approvazzjonijiet regolatorji meħtieġa.

Kwalunkwe ishma akkwistati taħt din l-awtorità ser jinxtraw mill-profitti distribwibbli tal-Kumpanija. Kieku l-Kumpanija kellha tixtri mill-ġdid l-għadd massimu ta' ishma bl-ogħla prezz awtorizzat, l-ispiża aggregata totali tammonta għal €4 miljuni. Minħabba l-kundizzjoni finanzjarja attwali tal-Kumpanija, inklużi l-profitti distribwibbli u r-riżervi tal-flus kontanti, il-Bord ma jemminx li r-Reakkwist tal-Ishma (jekk l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Azzjonisti tintuża kollha kemm hi) ser jkollu xi impatt negattiv fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kumpanija u/jew ir-rekwiżiti tal-kapital regolatorju. Il-Bord ser jerġa' jivvaluta l-pożizzjoni tiegħu f'kull okkażjoni li jiddeċiedi li jeżerċita l-awtorizzazzjoni mogħtija lilu u m'għandu l-ebda intenzjoni li jeżerċita tali awtorizzazzjoni f'ċirkostanzi fejn ikollha impatt negattiv materjali fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kumpanija.

Barra minn hekk, l-ishma akkwistati skont ir-Reakkwist tal-Ishma mhux ser jiġu kkanċellati iżda minflok ser jinżammu bħala ishma tat-teżor u jistgħu jerġgħu jinbiegħu, jiġu ttrasferiti (inkluż lil parteċipanti taħt l-ESIP il-Ġdid u/jew l-ESIP Eżistenti, jekk ikun approvat), jew inkella jintużaw skont l-Att dwar il-Kumpaniji u l-Artikoli. Filwaqt li jinżammu fit-teżor, dawn l-ishma mhux se jkollhom drittijiet tal-vot.

Il-Bord ser jeżerċita biss is-setgħat mogħtija mir-riżoluzzjoni proposta jekk iqis li dan ikun prudenti, fl-aħjar interessi tal-Kumpanija u l-Azzjonisti kollha kemm huma, u jista' jiġi akkomodat mill-profitti distribwibbli disponibbli, wara li jirċievi l-awtorizzazzjonijiet regolatorji kollha meħtieġa. Il-Bord ser jżomm lis-suq infurmat kif suppost qabel ma jeżerċita l-awtorizzazzjoni tiegħu u ser jwettaq kwalunkwe Reakkwist tal-Ishma b'mod trasparenti, filwaqt li jżomm lis-suq infurmat matul it-tul kollu tiegħu.

Bla preġudizzju għall-għan tar-riżoluzzjoni straordinarja proposta taħt dan il-Punt 12 tal-Aġenda, l-Azzjonisti huma infurmati li: (a) kwalunkwe bejgħ mill-ġdid ta' Ishma fit-teżor ser jsir bi prezz ta' mhux inqas minn €0.45 u mhux aktar minn €0.75 għal kull sehem; (b) il-Kumpanija tista' tbigħ mill-ġdid sa massimu ta' 5,000,000 Ishma fit-teżor; u (ċ) kwalunkwe bejgħ mill-ġdid ta' Ishma fit-teżor jista' jsir għal perjodu ta' 15-il xahar minn din il-Laqgħa, jew sal-konklużjoni tal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027, skont liema jseħħ l-ewwel.

Dawn il-parametri huma indikattivi u qed jiġu pprovduti għal skopijiet ta' trasparenza. Il-parametri huma maħsuba biex jiddeskrivu l-qafas li fih jista' jsir kwalunkwe bejgħ mill-ġdid ta' Ishma fit-teżor, jekk applikabbli. Il-Bord iżomm id-diskrezzjoni tiegħu, soġġett għal-liġi u r-regolamenti applikabbli, li jiddeċiedi jekk u kif isir kwalunkwe bejgħ mill-ġdid bħal dan, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi prevalenti fiż-żmien rilevanti. Kwalunkwe bejgħ mill-ġdid ta' Ishma fit-teżor, jekk u meta jsir, jiġi żvelat lis-suq b'mod trasparenti.

Barra minn hekk, kwalunkwe bejgħ mill-ġdid ta' Ishma fit-teżor għandu, f'kull ħin, ikun suġġett għall-konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti regolatorji applikabbli, inklużi MAR u r-Regolament dwar is-*Safe Harbour*. Għal dan il-għan, u sabiex jiġi żgurat li r-Reakkwist tal-Ishma u kwalunkwe bejgħ mill-ġdid sussegwenti ta' Ishma fit-teżor jsiru fuq bażi ta' *arm's length* u f'konformità mal-kriterji ta' indipendenza applikabbli, u mingħajr ma l-Kumpanija teżerċita kwalunkwe influwenza fuq iż-żmien, l-ipprezzar jew l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet, il-Kumpanija ser tidħol f' *discretionary portfolio arrangement* ma' ReAPS Asset Management Limited, sussidjarja sħiħa tal-Kumpanija li, bħala parti mill-attivitajiet li fiha hija liċenzjata, twettaq attivitajiet ta' servizzi ta' investiment skont l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).

Din l-awtorizzazzjoni qed tintalab skont l-artikolu 106(1)(b) tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-artikolu 99(i) tal-Artikoli.

**H. Punt 13 fuq l-Aġenda: Awtorità tad-diretturi sabiex joħorġu titoli ta' dejn (xogħol speċjali, riżoluzzjoni straordinarja)**

*Proposta: (1) Li, skont l-artikoli 5 u 99(g) ta' l-Istatut tal-Kumpanija (l-"****Istatut****"), il-Bord tad-Diretturi (il-"****Bord****") jiġi ġeneralment awtorizzat li (i) joħroġ sa €150,000,000 f'valur nominali ta' bonds, obbligazzjonijiet jew titoli oħra ta' dejn (flimkien, it-"****Titoli ta' Dejn****"), jekk hux lill-pubbliku jew b'mod ieħor, u fuq dawk it-termini li l-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu biss, jiddetermina; u (ii) fejn il-Bord iqis bħala xieraq, li japplika sabiex dawn it-Titoli ta' Dejn jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew f'xi Suq Regolat ieħor (kif spjegat fl-Istatut) (kif definit fl-Artikoli);*

*(2) Li l-Bord għandu jkun awtorizzat u jkollu s-setgħa li jieħu kull azzjoni li tista' tkun meħtieġa sabiex l-awtorizzazzjoni mogħtija fil-paragrafu (1) tiġi effettwata; u*

*(3) Li l-awtorizzazzjonijiet hekk mogħtija fil-paragrafi (1) u (2) hawn fuq ikunu validi sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal- Kumpanija li għandha ssir fl-2027.*

Skont l-artikolu 99(g) tal-Artikoli, kwalunkwe ħruġ ta' bonds, *debentures* jew titoli oħra ta' dejn (kollettivament, "**Titoli ta' Dejn**") lill-pubbliku li l-ħruġ tagħhom jaqbeż b'mod aggregat is-somma ta' €50,000,000 jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kumpanija f'laqgħa ġenerali, permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja.

Sabiex tkun tista' tappoġġja r-rekwiżiti kapitali u finanzjarji tal-Kumpanija inkluż fejn dawn jirriżultaw minn talbiet regolatorji, il-Kumpanija tista' tkun meħtieġa tiġbor finanzi billi toħroġ Titoli ta' Dejn. Għalhekk, il-Bord iqis li huwa prudenti li jippjana bil-quddiem għall-inqas għat-tnax-il xahar li ġejjin biex ikun jista' jissodisfa kwalunkwe rekwiżit bħal dan b'mod ordnat u effiċjenti, jekk tinqala' l-ħtieġa.

Għal dan il-għan, il-Bord qed jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzawh u jagħtuh is-setgħa li joħroġ sa €150,000,000 f'valur nominali ta' Titoli tad-Dejn, kemm jekk lill-pubbliku jew b'mod ieħor, u, fejn il-Bord iqis xieraq, li japplika biex dawn it-Titoli tad-Dejn jiġu ammessi għall-elenku u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew kwalunkwe Suq Regolat (kif definit fl-Artikoli). L-awtorizzazzjoni li qed tintalab f'din ir-riżoluzzjoni ser tkun valida sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027.

Din l-awtorizzazzjoni qed tintalab skont l-artikoli 5 u 99(g) tal-Istatut.

**4. RAKKOMANDAZZONIJIET TAD-DIRETTURI**

Il-Bord, wara li ħa l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa, huwa tal-fehma li r-riżoluzzjonijiet proposti huma fl-aħjar interess tal-Kumpanija u tal-Azzjonisti tagħha. Għalhekk il-Bord jirrakkomanda li l-Azzjonisti jivvotaw favur dawn ir-riżoluzzjonijiet fil-Laqgħa li ġejja.

**5. DOKUMENTI DISPONIBBLI GĦALL-ISPEZZJONI**

Dawn id-dokumenti jew kopji ċċertifikati tagħhom, ser ikunu disponibbli għall-ispezzjoni fl-uffiċċju reġistrat tal-Kumpanija, li jinsab f'APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, Malta u/jew is-sit web tal-Kumpanija https://www.apsbank.com.mt/investor-relations/ għal 14 -il jum mid-data tal-pubblikazzjoni taċ-Ċirkulari:

(a) il-memorandum u l-Istatut tal-Kumpanija;

(b) ir-rapport finanzjarju annwali tal-Kumpanija u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025;

(c) ir-Regoli Ġodda tal-ESIP proposti; u

(d) ir-Regoli Eżistenti tal-ESIP emendati.

Barra minn hekk, ir-Regoli Ġodda tal-ESIP proposti u r-Regoli Eżistenti tal-ESIP emendati ser jkunu wkoll disponibbli għall-ispezzjoni (a) fl-uffiċċju reġistrat tal-Kumpanija, mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din iċ-Ċirkulari sal-għeluq tal-Laqgħa, u (b) fil-Laqgħa għal mill-inqas ħmistax-il minuta (15 min) qabel u waqt il-Laqgħa.



**Graziella Bray**
Segretarja tal-Kumpanija
15 ta' April 2026

*Approvat u maħruġ minn APS Bank plc, kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata rreġistrata skont il-liġijiet ta' Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija C 2192 u li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara, Malta, skont il-Capital Markets Rules maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regola 6.2 tal-Capital Markets Rules dwar il-kontenut taċ-Ċirkulari kollha.*